MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 622/2013

**Smash Communications Limited**

**(C – 16065)**

**vs**

**Robert Coleiro**

**(I.D. 202080 M)**

**ezercenti l-kummerc taht l-isem ta'** ***Easy Shopping***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi proprjetarja ta' stazzjon televiziv bl-isem ta' *Smash Television*;

1.2. Illi l-intimat ghamel diversi xandiriet fuq l-istazzjon indikat fil-paragrafu precedenti u rreklama diversi prodotti minnhu mibjugha taht l-isem *Easy Shopping*;

1.3. Illi l-intimat fadallu jhallas lis-socjeta` rikorrenti bilanc ta' ghoxrin elf disa` mija u tnejn u disghin Ewro u hamsin centezmu, (€20,992.50), ghall-istess xandiriet;

1.4. Illi nonostante li kien interpellat biex ihallas l-ammont bilancjali minnhu dovut lis-socjeta` rikorrenti, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-hlas ta' ghoxrin elf disa' mija u tnejn u disghin Ewro u hamsin centezmu, (€20,992.50), lis-socjeta` rikorrenti ghax-xandiriet trasmessi minnhu fuq l-istazzjon fuq insemmi *Smash* Television;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax kummercjali mid-data minn

meta l-ammont sar dovut sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat datata t-3 t’April, 2014, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti;

2.1. Illi l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti ghandha tkun dikjarata dezerta *ai termini* tal-artiklu 963 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, *stante* li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux *entro* t-terminu perentorju stabilit bil-ligi;

2.2. Illi ghalhekk l-intimat ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.3. Illi subordinatament, il-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li r-reklamar li tieghu qieghed jintalab il-hlas ma kienx awtorizzat mill-intimat u sar *ad insaputa* tieghu;

2.4. Illi mir-reklamar minnhu awtorizzat, l-intimat ghad baqghalu jhallas biss is-somma ta’ elf u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu, (€1,038.50);

2.5. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ma thallasx mill-intimat ghaliex is-socjeta` rikorrenti ma’ irrilaxxatx l-ircevuti fiskali ghall-pagamenti li sarulha li bihom l-intimat ikun jista` jitlob rifuzjoni ghat-taxxa mhallsa fuq l-istess;

2.6. Illi m’ghamel l-ebda beneficcju mill-istess reklamar li allegatament sar minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu *stante* li allegatament sar meta l-intimat kien qed ixolji n-negozju tieghu;

2.7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

2.8. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3. Rat il-verbal datat l-24 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu l-kawza kienet differita ghall-provi u ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni, (ara foll 32);

4. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

5. Rat ukoll il-verbal datat is-16 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu l-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet obbligaw ruhhom li sad-data hemm indikata jipprezentaw nota kontenenti kopja awtentikata tas-sentenzi minnhom citati, (ara foll 33);

6. Rat in-nota datata l-20 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha l-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti ezegwixxa l-obbligu minnhu assunt kif indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 34);

7. Tirrileva li l-abbli rapprezentanti legali tal-intimat halla l-perjodu indikat fil-paragrafu ta' qabel dak precedenti ghal dan jghaddi inutilment;

Ikkunsidrat:

8. Illi f'dan l-istadju l-procedura odjerna hi limitata ghall-eccezzjoni preliminarja sollevata mill-intimat senjatament dik naxxenti mill-artiklu 963 (1) tal-Kap 12 fuq gia` citat, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel);

9.0. Illi l-artiklu in dizamina jistabilixxi s-segwenti:

9.1. Illi fil-qorti fl-ewwel grad, il-procedura bil-miktub ghandha tigi maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur;

9.2. Illi pero` l-istess ghandu jkun minghajr hsara ghas-segwenti artikli:

9.2.1. 963 (2);

9.2.2. 416 u

9.2.3. 420 – ilkoll tal-Kap 12 *de quo*;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-artiklu 963 (3) tal-istess Kap 12 in dizamina jistabillixxi illi f'kaz bhal dak in dizamina, il-qorti ghandha, ghal darba wahda biss, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista` jkun maljar u dan, bl-iskop li jigi evitat li l-kawza tmur dezerta minhabba xi nuqqas ta' notifika jew minhabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi procedura jew formalita`;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi analisi tat-tentattivi tas-socjeta` rikorrenti biex tinnotifika lill-intimat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv juri l-*iter* segwenti:

11.1. Illi jirrizulta li saru s-segwenti tentattivi – ilkoll negattivi:

11.1.1. Fid-9 ta' Lulju, 2013, (ara foll 9 u 12);

11.1.2. Fis-26 ta' Lulju, 2013, (ara foll 14);

11.1.3. Fis-7 t'Awwissu, 2013, (ara foll 14);

11.1.4. Fis-26 ta' Marzu, 2014, (ara foll 17);

11.1.5. Fit-12 ta' Settembru, 2014, gie intavolat rikors mis-socjeta` rikorrenti biex issir in-notifika tal-atti *de quo* wara l-hinijiet legali u sussegwentement bil-procedura tal-pubblikazzjoni, (ara foll 26), liema rikors kien akkordat, (ara foll 26 u 27);

12. Illi finalment l-intimat intavola r-risposta guramentat tieghu fit- 3 t'April, 2014;

Ikkunsidrat:

13. Illi in vista tal-artiklu 963 (3) tal-Kap 12 fuq citat, jirrizulta li l-*animus* rikavat mill-istess sub-artiklu hu li jsalva l-procedura inoltrata u mhux li jiddikjara l-isforz tar-rikorrenti u l-ispejjez minnhu inoltrati inutili mat-trapass tas-sitt (6) xhur stabbilit fl-artiklu 963 (1) tal-istess Kap 12 billi jaghti l-fakulta` lill-qorti li tkun kolpita bil-

procedura in dizamina taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex il-proceduri jinghalqu kemm jista` jkun malajr;

14. Illi l-istess Kodici tal-Procedura jiddetermina li l-ghan ewlieni in dizamina u li ghalih tinghata l-fakulta` *de quo* lill-qorti kolpita bil-procedura *de quo*, hu li jigu inutilment dikjarati dezerti proceduri debitament inoltrati;

Ikkunsidrat:

15. Illi l-ezami tat-tentattivi inoltrati mis-socjeta` rikorrenti biex ikun notifikat l-intimat skont il-ligi kienu diversi, (tal-anqas hames (5) tentattivi, (ara paragrafu numru hdax (11), aktar qabel);

16. Illi kull tentattiv negattiv inoltrat mis-socjeta` rikorrenti biex tinnotifka lill-intimat jirrizulta frustrat billi l-ufficjal notifikanti kull darba indika li meta mar jezegwixxi l-ordni debitament lilhu moghti irrizulta li **“ma fetah hadd"**;

17. Illi ghalhekk l-artiklu in dizamina, senjatament l-artiklu 963 (1) tal-Kap 12, qatt m’ghandu jigi interpretat b’mod li jittutela lil min jiffrustra kontinwament l-esekuzzjoni regolari tal-procedura in dizamina;

18. Illi l-ordni pubbliku ma jistax jippermetti li minn malinnjament jistultifika l-ezitu procedurali statutorjament stabbilit jigi ppremjat billi l-azzjoni indirizzata fid-direzzjoni tieghu tkun minhabba l-agir malinn tieghu, dikjarata dezerta biex b’hekk issir ingustizzja immani bl-operat tal-ligi stess;

19. Illi dan mhux l-iskop tal-artiklu 963 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandu jkun intiz biss biex jghin fl-isbrigar tal-procedura u mhux biex jiddefendi lil min jaghmel hiltu biex ma jinstabx ghal ftit xhur biex ikun notifikat bl-atti in dizamina biex b’hekk jippregudika d-drittijiet ta’ terzi;

**DECIDE:**

20.0. Illi ghaldaqstant, din il-qorti:

20.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

20.2. Tordna l-prosegwiment tal-kawza;

20.3. Tirrizerva li tappunta l-istess kawza ghall-provi tas-socjeta` rikorrenti wara li tisma` lill-abbli rapprezentanti legali fir-rigward;

20.4. Tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez odjerni fi stadju ulterjuri meta jigi deciz il-mertu veru u proprju fir-rigward.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------